MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 487/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Robert Gafa`**
***… omissis …***

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Robert Gafa` u *omissis* talli:

(1) fil-25 ta’ Mejju 2001 u fix-xhur preċedenti, f’Ħal-Luqa, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, dolożament, b’sustanza esploživa, għamlu esplożjonijiet li setgħu jqiegħdu f’periklu l-ħajja ta’ ħaddieħor, jew jagħmlu ħsara gravi lil ħwejjeġ ħaddieħor, bi ksur ta’ l-artikoli 311 u 312(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(2) fl-istess ċirkostanzi kkommettew serq ta' diversi oġġetti jiswew aktar minn Lm1,000 għad-detriment tas-soċjeta` Miller Distributors Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persunha u bil-ħin, bi ksur ta' l-artikoli 18, 261, 263, 267, 268 u 270 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess ċirkostanzi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ ħaddieħor, meħudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħlu biex ibiegħu jew imexxuhom, bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) fl-istess ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn Lm10,000 ħames mitt lira, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**<u>Robert Gafa` waħdu akkużat talli:</u>**

(5) fl-istess ċirkostanzi, f'Ħal-Luqa u f'postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' madwar Lm7,000 bi ħsara ta' l-imsemmija soċjeta` Miller Distributors Limited, u dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(6) fl-istess ċirkostanzi, appropja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor minn ħaġa li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, bi ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(7) fl-istess ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll xjentement għamel użu minn dawn l-atti jew skritturi foloz, bi ksur ta' l-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-24 ta' Awissu 2004 li fiha ddikjara li jidhirlu li tista' tinsab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub (a) fl-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 26, 266, 267, 268, 270, 279(b), 280, 281, 18, 334, 325(a), 312(3), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; (b) fl-artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-5 ta' Novembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitux ħati ta' l-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 312, 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali iżda sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet kontemplati fl-artikoli 18, 261, 267, 268, 270, 279, 280, 334, 325, 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu tliet snin priġunerija;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Robert Gafa` ppreżentat fis-17 ta' Novembru 2010 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu lliberatu mill-imputazzjonijiet a tenur ta' l-artikoli 312, 308, 309, 310, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali u tirrevoka s-sejbien ta' ħtija taħt l-imputazzjonijiet a tenur ta' l-artikoli 18, 261(c)(d)(f), 267, 268, 270, 279(a) u 280, 334, 325(a), 293 u 294 ilkoll tal-Kodiċi Kriminali u tilliberah minnhom u minn kull ħtija skond il-liġi u fil-każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu taħt l-artikoli 18, 261(c)(d)(f), 267, 268, 270, 279(a) u 280, 334, 325(a), 293 u 294 ilkoll tal-Kodiċi Kriminali jew taħt uħud minnhom li tvarja l-piena nflitta għal piena oħra nqas skond il-liġi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-appellant għandu numru ta' aggravji li sejrin jiġu kkunsidrati *setriatim*.

**7.** Permezz ta' <u>l-ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant isostni illi huwa għandu jiġi liberat mis-sejbien ta' ħtija a tenur ta' l-artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali stante li dan l-artikolu ma jeżistix. L-appellant jgħid illi fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ressaq 'il quddiem kontra l-istess appellant l-imputazzjoni a tenur ta' l-artikolu 325(a) tal-Kodiċi Kriminali. Anke l-Pulizija Eżekuttiva fl-akkuża li ġabet kontra l-appellant għażlet li takkuża lill-appellant b'dan l-artikolu. Jgħid illi l-Kodiċi Kriminali juri li l-artikolu 325 huwa kompost minn żewġ sub-artikoli (1) u (2) u s-subartikolu (1) joħloq pieni differenti skond il-*quantum* tal-ħsara sofferta. Sejbien ta' ħtija, josserva l-appellant, jista' jeżisti biss a bażi ta' l-artikoli eżistenti fiż-żmien tar-reat u fiż-żmien tas-sejbien ta' ħtija. Għalhekk l-ebda sejbien ta' ħtija ma tista' teżisti meta l-artikolu tal-liġi kkwotat ma jkunx jeżisti.

**8.** Dwar dan l-ewwel aggravju l-appellant għandu raġun jgħid illi l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali huwa mqassam f'żewġ sub-artikoli. Is-sub-artikolu (1) imbagħad jikkontjeni erba' paragrafi (a) sa (d) li jipprovdu għal erba' gradi ta' piena skond il-*quantum* tal-ħsara. Bil-fatt illi kemm il-Pulizija Eżekuttiva kif ukoll l-Avukat Ġenerali rreferew għall-artikolu 325(a) minflok għall-artikolu 325(1)(a), pero`, ma jfissirx illi l-ewwel Qorti ma setgħetx issib ħtija ta' ħsara volontarja. In-nuqqas li jissemma s-subartikolu (1) jista' jitqies biss bħala *lapsus calami* ossia *lapsus computeri*. Barra minn hekk il-kliem użati fir-raba' imputazzjoni fl-akkuża miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva huma kjarament kliem l-artikolu 325(1). Jiġifieri meta l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju tiegħu rrefera għall-artikolu 325(a) kien qiegħed jirreferi proprju għal dik l-imputazzjoni.

**9.** Għalhekk, filwaqt illi din il-Qorti tiċħad l-aggravju ta' l-appellant, tissolleċita lill-Pulizija Eżekuttiva u lill-Avukat Ġenerali biex jagħtu aktar attenzjoni meta jiġu biex jirreferu għall-artikoli tal-liġi li tagħhom ikun jidhrilhom li persuna tista' tinsab ħatja.

**10.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jgħid illi għandu jiġi liberat mis-sejbien ta' ħtija a tenur ta' l-artikoli 261(c) u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, u konsegwentement għandu jiġi liberat ukoll mis-sejbien ta' ħtija konsegwenzjali a tenur ta' l-artikolu 280 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant jispjega dan l-aggravju hekk:

> "Illi l-Ewwel Qorti saħqet li 'ċertament nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` żgur li l-oġġetti misruqa minn kull imputat jeċċedu l-mitt lira Maltin ....'
>
> "L-Ewwel Onorabbli Qorti għalhekk in vista tad-diffikultajiet li l-esperti minnha nominati esperjenzaw sabiex jippruvaw jikkwantifikaw il-ħsarat u l-valur tal-oġġetti misruqa, ma kellha l-ebda prova f'idejha li a bażi tagħha setgħet waslet sabiex dina l-Onorabbli Qorti jkollha moħħha mistrieħ li l-ammont tal-valur tal-oġġetti misruqa kien ta' aktar minn elf lira Maltija jew ta' anqas minn elf lira Maltija.
>
> "Bl-akbar rispett għandu jintqal ukoll kif l-esperjenza li straħet fuqha l-Ewwel Qorti għar-rigward tal-valur tal-oġġetti meħuda, hija espejenza li tinkludi mhux biss il-valur *wholesale*, iżda tinkludi wkoll il-Value Added Tax u l-*profit margin* tal-importatur, il-*profit margin* tad-distributur u anke l-*profit margin* tal-bejjiegħ tal-ħanut.
>
> "Il-prassi kostanti li l-Qrati dejjem adoperaw hija li meta l-vittma tkun persuna li tkun ħallset għax-xiri tal-oġġett misruq, il-valur tal-oġġett għandu jinkludi l-prezz importat biż-żieda kollha tal-profitt u tat-taxxa mħallsa.

> "Pero` meta l-vittma tkun soċjeta` u l-oġġett kien għall-bejgħ, il-valur tal-oġġett li għandu jiġi kkunsidrat huwa l-valur *wholesale* (mingħajr il-qliegħ tal-importatur) u mhux il-valur tal-oġġett fis-suq.
>
> "Huwa fatt magħruf li ġudikant, bħal kull persuna oħra meta tkun ser tixtri prodott, ma tiqafx u tistaqsi lill-bejjiegħ dwar il-*profit margins*, iżda hija tiġi rinfaċċjata bi prezz komplut. Ix-xerrej wara jrid jara jekk huwiex lest li jħallas dak il-prezz jew le sabiex il-bejgħ/xiri jsir.
>
> "L-esperjenza li l-Ewwel Qorti utiliżżat f'dan il-każ għar-rigward ta' dawn l-imputazzjonijiet hija esperjenza ta' xerrej u mhux ta' bejjiegħ. Pero` fil-każ odjern, tenut kont li l-vittma hija bejjiegħ kellu jkun meħud in konsiderazzjoni l-valur tal-oġġetti kemm swew lil Miller Distributors Limited biex ġabuhom Malta u mhux il-prezz li bih l-oġġetti jitqiegħdu fuq is-suq għall-bejgħ.
>
> "F'ċirkostanzi ta' dubbju, fil-kamp penali, teżisti l-massima *in dubbio pro reo*. Din il-massima ma tfissirx li l-Qorti meta jkun hemm dubbju tgħaddi sabiex issib ħtija l-aktar miti, bħalma ġara fil-każ odjern, pero` tfisser li dak id-dubbju raġjonevoli, bħal fil-każ odjern, għandu jwassal sabiex l-imputat ma jnstabx ħati."

**11.** Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant illi huwa għandu jiġi lliberat mill-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-"valur". L-ewwelnett issir referenza għal sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħtija fl-24 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, fejn ġew elenkati l-metodi kif jista' jiġi determinat il-valur ta' ħsarat. Dan jista' jitqies li japplika *mutatis mutandis* fejn si tratta ta' valur ta' oġġetti misruqa. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> **"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jingħad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tiġi determinata l-ħsara għall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodiċi) din trid (i) jew tiġi apprezzata direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament ħallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara."**

**12.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet dwar il-valur: **"Ċertament nonostante li l-ammont ma ġiex kwantifikat, pero` żgur li l-oġġetti misruqa minn kull imputat jeċċedu l-mitt lira Maltin bil-valuta ta' żmien ir-reat – għal dan il-Qorti m'għandha bżonn ebda espert. Pero` l-Qorti mhix konvinta li l-valur ta' l-oġġetti misruqa mill-*basement* jeċċedu l-elf lira Maltin."**

**13.** Din il-Qorti eżaminat il-provi. L-oġġetti misruqa huma dawk elenkati fid-Dok. JC (a fol. 36) u li ġew maqbuda mill-pussess ta' l-appellant (ara Dok. JC2 a fol. 39 – 40). Inoltre fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid li kien seraq numru

akbar ta' batteriji li bigħhom għal "xi Lm250" (a fol. 19). Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk tieħu l-valur *wholesale* ta' l-oġġetti kollha in kwistjoni, dan se jaqbeż il-Lm100. Għalhekk il-kwalifika tal-"valur" tissussisti u konsegwentement japplika l-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali. Irid jiġi ċarat li fejn hemm dubju dwar il-valur ta' oġġett misruq imbagħad is-soluzzjoni mhijiex dik proposta mill-appellant, cioe`, li persuna tiġi lliberata iżda li tieħu lanqas valur, b'hekk li persuna akkużata b'serq ikkwalifikat bil-"valur" tista' tinsab ħatja ta' serq sempliċi.

**14.** Skond it-tielet aggravju, l-appellant jgħid li ma kellux jinstab ħati tal-kwalifika kontemplata fl-artikolu 261(f) tal-Kodiċi Kriminali, cioe` l-kwalifika li s-serq huwa kkwalifikat bil-"ħin". L-appellant jgħid illi l-ewwel Qorti qalet illi din il-kwalifika ġiet ippruvata "*ex admissis* mill-istqarrijiet taż-żewġ imputati". Skond l-appellant, l-istqarrija tiegħu ma tagħti l-ebda forma u/jew ħjiel ta' prova in konnessjoni mal-fatt li l-allegat serq seħħ bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx. Jgħid illi l-ġurisprudenza tgħallem kif is-serq ikkwalifikat bil-ħin huwa reat istantaneju u li jeħtieġ prova ċara u diretta li tistabilixxi l-ħin; fin-nuqqas ma jistax ikun hemm sejbien ta' ħtija a bażi ta' dan l-artikolu.

**15.** Issa, skond l-artikolu 270 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq huwa kkwalifikat bil-"ħin" meta jsir "bil-lejl, jiġifieri bejn inżul u t-tlugħ ix-xemx". Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-istqarrija ta' l-appellant. L-unika referenza li jagħmel l-appellant għall-ħin li fih kienu jinsterqu l-oġġetti hija meta jgħid: "Normalment dawn kont noħroġhom filgħaxija wara li jkun telaq kulħadd." M'hemm l-ebda prova dwar il-ħin li fih l-impjegati kienu jitilqu mix-xogħol. Ma hemm ebda prova ċara u inekwivoka jekk meta kien jieħu l-oġġetti dan kienx ikun wara nżul ix-xemx. Għalhekk l-appellant għandu raġun jilmenta li ma kellux jinstab ħati li kkommetta serq kwalifikat bil-ħin. Konsegwentement dan l-aggravju huwa milqugħ.

**16.** Bir-raba' aggravju tiegħu l-appellant isostni li ma kellux jinstab ħati a bażi ta' l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, cioe` r-reat ta' riċettazzjoni. Huwa jispjega:

> "Il-ġurisprudenza tgħallem li l-elementi li għandhom jiġu ppruvati in sostenn ta' imputazzjoni bħal din huma s-segwenti[1]:
>
> a. L-element materjali tar-reat ta' riċettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-aġent ikun laqa' għandu, xtara jew indaħal biex ibiegħ jew imexxi xi oġġett (hu x'inhu dak l-oġġett), **iżda wkoll**

[1] **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima**, deċiża STO V. De Gaetano, nhar-il 25 ta' Ottubru 2002.

b. F'illi dak l-oġġett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wieħed mir-reati dwar ħwejjeġ akkwistati jew miżmuma kontra l-liġi

**u**

c. tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist ieħor illeċitu **irid ikun sar minn persuna oħra**, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tiġi akkużata bir-riċettazzjoni.

"Fil-każ odjern, jekk it-teżi tal-prosekuzzjoni tiġi emnuta, ħarsa lejn l-isqarrija tal-esponenti turi kif il-persuna li kkawżat il-provenjenza lleċita tal-oġġetti kien l-istess esponenti u mhux terz persuna oħra.

"Lanqas ma qiegħed jifhem l-esponenti għalfejn u a bażi ta' liema provi u raġunar legali l-Ewwel Qorti ddikjarat li din l-imputazzjoni fil-konfront tat-terz Zarb ingħatat bħala alternattiva iżda mhux l-istess jgħodd għall-esponenti Gafa`."

**17.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti tgħid hekk dwar ir-reat ta' riċettazzjoni: **"Minn naħa tiegħu tqis illi Robert Gafa` bil-bejgħ tar-res furtiva huwa ħati taħt ir-reat taħt l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (vide stqarrija ta' l-istess fir-rigward tal-bejgħ ta' *batteries*)."**

**18.** Fis-sentenza li għaliha rrefera l-appellant, cioe` l-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Giovanni sive John Grima** deċiż fil-25 ta' Ottubru 2002, intqal:

**"L-element <u>materjali</u> tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett <u>kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi</u> (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe` mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).**

**"3. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan – artikolu li huwa ftit differenti mid-disposiszzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):**

**"*'Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di*

***delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.'***[2]

**"Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni kellha tipprova bhala fatt li l-oggetti meritu ta' l-ewwel imputazzjoni – iz-zewg Land Rovers – kienu jew insterqu, jew gew akkwistati b'qerq jew altrimenti akkwistati kontra l-ligi <u>minn xi hadd iehor</u> qabel ma dawn gew f'idejn l-appellant."**

**19.** Fil-każ in eżami jirriżulta li l-appellant biegħ batteriji li huwa stess kien seraq. Għalhekk ma setax jinstab ħati wkoll tar-reat ta' riċettazzjoni. Konsegwentement ir-raba' aggravju huwa milqugħ.

**20.** Permezz tal-ħames aggravju tiegħu l-appellant jgħid illi ma kellux jiġi dikjarat ħati ta' l-imputazzjonijiet a tenur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali. Jgħid:

"Dawn id-delitti jesiġu li lill-imputat ikun ġie fdat lilu oġġett taħt titolu tar-radd tal-ħaġa jew sabiex isir użu speċifiku minn dik il-ħaga.

"Il-ġurisprudenza u l-awturi huma kostanti fuq l-elementi neċessarji sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija a tenur ta' dawn l-artikoli.

"L-appellant fil-każ odjern qatt ma ngħata l-ebda oġġett sabiex huwa jagħmel bih użu speċifiku. L-ebda oġġett qatt ma ntalab lura mingħand l-appellant.

"L-aġir tal-appellant ma huwiex dak l-aġir ipprojbit taħt dan l-artikolu.

"Il-provi juru u dana b'mod partikolari d-deposizzjoni ta' Malcolm Miller, li l-esponenti kien Distribution Manager b'responsabilita` tal-i*stationery,* fejn fost xogħol ieħor li huwa kellu, kien proprju li huwa joħroġ *purchase orders* tal-kumpanija fuq il-formularju tal-kumpanija Miller Distributors Limited, liema *purchase orders* jiġu pproċessati minn fergħa oħra tal-istess Soċjeta` kummerċjali sabiex isir il-ħlas.

"L-aġir tal-esponenti jinkwadra ruħu mhux fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, iżda fl-artikolu 297 tal-Kodiċi Kriminali li testwalment jgħid:

**"'Kull min billi jagħmel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, jikteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb, iżid fuq karta mhix in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa tliet snin.'**

[2] Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I**, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 358, 359.

"Il-Prosekuzzjoni tagħżel hi lil min tixli l-Qorti u fuq xhiex, pero` l-fatt waħdu li l-prosekuzzjoni tkun xliet persuna fuq imputazzjonijiet ħżiena ma tfissirx li l-Qorti trid hija wkoll tippersisti fl-istess żball u persuna tinsab ħatja ta' delitt meta l-elementi kostituttivi tiegħu ma jirriżultawx, għax proprju jirriżultaw elementi kostituttivi ta' delitt ieħor.

"L-Ewwel Qorti minn jeddha fil-każ odjern ma setgħetx issib lill-esponenti ħati lanqas tad-delitt a tenur tal-artikolu 297 tal-Kodiċi Kriminali, stante li ma huwiex delitt anqas gravi minn dak tal-frodi u/jew tal-approprjazzjoni indebita.

"L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għal ġudizzju tiegħu a tenur tal-artikolu 370(3) tal-Kodiċi Kriminali ma ressaqx 'il quddiem id-delitt ravviżat fl-artikolu 297 tal-Kodiċi Kriminali."

**21.** L-artikoli in kwistjoni jipprovdu hekk:

**"293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:**

**Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.**

**"294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio,* u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."**

**22.** Ir-reat kontemplat fl-artikolu 293 iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dawk ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel uzu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.

**23.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet biex sabet il-ħtija: **"Ċertament l-azzjonijiet ta' Robert Gafa` fil-konfront tal-*photocopy paper* li xtara f'isem Millers u biegħ lil terzi bi qliegħ għalih a preġudizzju ta' Millers Distributors jikkostitwixxi reat ta' misapproprijazzjoni** [*recte:* approprjazzjoni] **indebita. Ċertament Gafa` bħala *distribution manager* gawda posizzjoni ta' fiduċja mas-socjeta` msemmija. Ċertament hu dawwar bi qliegħ għalih il-fiduċja li tagħtu l-kumpanija *qua distribution manager,* il-fakolta` li kellu li jinnegozja f'isem l-istess socjeta`."**

**24.** L-ewwelnett irid jiġi osservat illi ċerti azzjonijiet jistgħu jwasslu għal ksur ta' diversi disposizzjonijijet tal-liġi. Fil-każ in eżami x'kienu l-azzjonijiet ta' l-appellant fir-rigward tal-*photocopy paper*? L-appellant kien ordna f'isem Miller Distributors numru sostanzjali ta' kaxex ta' *photocopy paper* mingħand żewġ kumpaniji u talab li jiġu konsenjati lil terzi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-soċjeta` Miller. Fl-istqarrija tiegħu l-appellant jgħid: "Ix-xogħol li kont inbiegħ b'dan il-mod kien ikun *stationery* li suppost kont qed nixtri biex jintuża mill-kumpanija tagħna iżda dan ma kienx jidħol għand il-kumpanija iżda jibqa' sejjer għand min inkun miftiehem jien." L-appellant kien ihejji *purchase orders* għal dak ordnat, isir il-pagament mis-soċjeta` Miller iżda l-i*stationery* jiġi kkonsenjat lil terzi . Mid-Dok JC3 a fol. 41 u 42 li huma *delivery notes* maħruġa minn J. M. Supplies Co. Ltd. jirriżulta li dawn ġew iffirmati mill-appellant bħala l-konsenjatarju. L-istess jista' jingħad dwar l-*invoices* rilaxxati minn Complete Supplies Ltd. numri 20082 (a fol 264) u 20607 (a fol 275). Jiġifieri għalkemm l-appellant ma rċevihomx fizikament, huwa ffirma għalihom bħala l-konsenjatarju.

**25.** Vincenzo Manzini fil-ktieb tiegħu *"Trattato di Diritto Penale Italiano", Quinta Edizione, Volume Nono*, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju, jgħid:

*"Il possesso dell'oggetto puo` essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta` della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio`, commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che ricevette. E poiche` non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

**26.** L-appellant, mela, kien awtorizzat mis-soċjeta Miller biex jordna x-xogħol u jieħu konsenja ta' dak ix-xogħol. L-użu kellu jkun għall-kumpanija stess. F'dan il-każ l-appellant ħa l-pussess kostruttiv tal-*photocopy paper* u dawru bi profitt għalih meta biegħu lil terzi. Konsegwentement huwa nstab ħati sew għal ksur ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali.

**27.** L-aħħar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jgħid illi ma ngħatax piż għall-fatt li huwa *a first time offender*. Jgħid illi l-piena nflitta, kemm fil-kwalita` kif ukoll fil-kwantita` ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Josserva illi jekk hu ma jkunx preżenti d-dar ma' oħtu li hi *totally disabled (cerebral palsy)*, oħtu stess se tkun ta' piż

konsiderevoli fuq missieru li ta' l-eta` tiegħu ma għadux jiflaħ jieħu ħsieb bintu. Jgħid illi lanqas ma qieset l-ewwel Qorti meta nbdew dawn il-proċeduri. Jagħmel referenza għal miżuri oħra ta' trattament li jistgħu jintużaw u jagħmel referenza għal xi ġurisprudenza in materja. Josserva wkoll illi fil-mori tal-proċeduri beda jsegwi l-kura mposta fuqu minn Dr. Anthony Dimech, *consultant psychologist* li sab li l-appellant ibati minn kondizzjoni medika li ma tħalliehx jagħraf il-konsegwenzi ta' għemilu b'mod immedjat.

**28.** Issa, il-piena għandha diversi skopijiet. Skop wieħed huwa dak li tiġi protetta s-soċjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-każ ta' persuni li b'għemilhom juru li huma ta' minaċċja għas-soċjeta` dawn jinżammu inkarċerati u għalhekk barra miċ-ċirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-każ ta' reati gravi, is-sentenza tibgħat messaġġ ċar li jservi ta' deterrent ġenerali. Skop ieħor huwa r-riforma tal-ħati.

**29.** Fil-każ in eżami, bħalma korrettement jistqarr l-appellant, huwa għandu jiġi kkunsidrat *a first time offender*. Mhux hekk biss, iżda jirriżulta mill-fedina penali aġġornata tiegħu illi din baqgħet għal kollox nadifa. Filwaqt illi jiġi osservat illi l-appellant isofri minn *epileptic fits* u li huwa jgħin lil oħtu li tbati minn *cerebral palsy*, huwa rakkomandabbli ħafna illi minn jeddu fittex l-għajnuna ta' psikologu. Effettivament hija ma tqisx li l-appellant huwa ta' minaċċja għas-soċjeta`. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi u tal-fatt illi jrid neċessarjament ikun hemm temperament fil-piena primarjament stante li l-appellant se jiġi dikjarat mhux ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti hi tal-fehma li jista' jinħoloq il-bilanċ meħtieġ bejn l-aspett retributtiv, l-aspett deterrent u l-aspett rijabilitattiv tal-piena billi tingħata piena ta' priġunerija sospiża flimkien ma' ordni ta' superviżjoni sabiex jiġi assigurat illi l-appellant jibqa' fit-triq it-tajba.

**30.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati taħt l-artikoli 261(f) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjarah mhux ħati taħt dawk l-artikoli u minnhom tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu tliet snin priġunerija u minflok tikkundannah sentejn priġunerija liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, u tikkonfermaha fil-kumplament. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9, tagħmel ordni ta' supervizjoni u tqiegħed lill-appellant taħt is-supervizjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perijodu operattiv kollu u taħt il-kondizzjonijiet indikati fl-ordni hawn anness. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem ċar ir-responsabbilita` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------